

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1238/2014

tad-19 ta' Novembru 2014

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 59/2011 fir-rigward ta' kwoti tariffarji għall-inbejjed li joriġinaw fis-Serbja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 184 u 187 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u s-Serbja, min-naħa l-oħra ("l-FSA"), ġie ffirmat fil-Lussemburgu fid-29 ta' April 2008 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2013.
- (2) Il-Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ ("il-Protokoll") kien iffirmat fil-25 ta' Ġunju 2014. L-iffirmar tiegħu fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ġie awtorizzat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/517/UE ⁽³⁾ u l-konklużjoni tiegħu fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ġiet approvata skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/518/Euratom ⁽⁴⁾. Il-Protokoll ġie applikat b'effett mill-1 ta' Awwissu 2014.
- (3) L-Artikolu 7 tal-Protokoll u l-Anness III ta' miegħu jipprovdu għal tibdiliet fil-kwoti tariffarji eżistenti għal inbejjed li joriġinaw fis-Serbja b'effett mill-1 ta' Awwissu 2014.
- (4) Skont l-Artikolu 11 tal-Protokoll, għas-sena 2014, il-volumi tal-kwoti tariffarji ġodda u ż-żidiet fil-volumi ta' kwoti tariffarji eżistenti għandhom jiġu kkalkulati bħala *pro rata* tal-volumi annwali bażiċi speċifikati fil-Protokoll, billi titqies il-parti tal-perjodu li għadda qabel l-1 ta' Awwissu 2014.
- (5) Sabiex wieħed jimplimenta l-kwoti tariffarji għall-inbid stabbiliti fil-Protokoll, jeħtieġ li r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 59/2011 ⁽⁵⁾ jiġi adattat.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ ĠUL 233, 6.8.2014, p. 3.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/517/UE tal-14 ta' April 2014 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠUL 233, 6.8.2014, p. 1).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/518/Euratom tal-14 ta' April 2014 dwar l-approvazzjoni tal-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, tal-Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 233, 6.8.2014, p. 20).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 59/2011 tal-25 ta' Jannar 2011 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-inbejjed li joriġinaw fir-Repubblika tas-Serbja (ĠU L 22, 26.1.2011, p. 1).

- (6) Ir-Regolament (UE) Nru 59/2011 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (7) Peress li l-Protokoll japplika mill-1 ta' Awwissu 2014, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data u għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komunitas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 59/2011 jinbidel bit-test li jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

"ANNEX

Il-kwoti tariffarji għall-inbejjed li joriġinaw mis-Serbja importati fl-Unjoni

Numru tal-ordni	Kodiċi NM ⁽¹⁾	TARIC estensjoni	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota 2014 (fhl)	Kwota annwali tal-Volum għall-2015 u s-snin ta' wara (fhl) ⁽²⁾	Dazju tal-kwota tariffarja
09.1526	2204 10 93		Inbid spumanti ta' kwalità, minbarra Xampanja jew Asti Spumante; inbid ieħor minn għeneb frisk, ġo kontenituri li jesgħu 2 litri jew anqas	53 833	55 000	Eżenzjoni
	2204 10 94					
	2204 10 96					
	2204 10 98					
	2204 21 06					
	2204 21 07					
	2204 21 08					
	2204 21 09					
	ex 2204 21 93	19, 29, 31, 41 u 51.				
	ex 2204 21 94	19, 29, 31, 41 u 51.				
	2204 21 95					
	ex 2204 21 96	11, 21, 31, 41 u 51.				
	2204 21 97					
ex 2204 21 98	11, 21, 31, 41 u 51.					
09.1527	2204 29 10		Inbid ieħor ta' għeneb frisk, f'kontenituri li jesgħu iktar minn 2 litri	10 958	12 300	Eżenzjoni
	2204 29 93					
	ex 2204 29 94	11, 21, 31, 41 u 51.				
	2204 29 95					
	ex 2204 29 96	11, 21, 31, 41 u 51.				

Numru tal-ordni	Kodiċi NM ⁽¹⁾	TARIC estensjoni	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota 2014 (tħl)	Kwota annwali tal-Volum għall-2015 u s-snin ta' wara (tħl) ⁽²⁾	Dazju tal-kwota tariffarja
	2204 29 97					
	ex 2204 29 98	11, 21, 31, 41 u 51.				

(¹) Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom jiġu kkunsidrati li ma għandhomx aktar minn valur indikattiv, bl-iskema preferenzjali ddeterminata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, mill-kopertura tal-Kodiċijiet tan-NM. Fejn ex kodiċijiet tan-NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi ddeterminata permezz tal-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

(²) Jistgħu jsiru konsultazzjonijiet fuq it-talba ta' waħda mill-Partijiet sabiex jiġu adattati l-kwoti permezz tat-trasferiment ta' kwantitajiet mill-kwota li tapplika għall-pożizzjoni ex 2204 29 (numru tal-ordni 09.1527) tal-kwota li tapplika għall-pożizzjonijiet ex 2204 10 u ex 2204 21 21 (numru tal-ordni 09.1526)."